# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Settembru, 2016**

**Talba Nru: 238/2015/VG**

**Brincat's Company Limited [C-5700]**

**vs**

**JDS Limited [C-15708] u b'digriet datat 6 ta' Novembru, 2015 giet kjamata fil-kawza ssocjeta JDS Furniture Limited**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-24 ta' Marzu, 2015** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elf mitejn tnejn u sebghin euro u tlettax-il centezmu ta' euro [€1,272.13c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-kumpanija intimata hija debitrici ta' dik rikorrenti fis-somma ta' elf, mitejn u tnejn u sebghin Euro u tlettax-il centezmi (€1,272.13) dovuta skont il-fattura numru 15571 datat is-27 ta' Dicembru, 2011 kopja ta' liema hija annessa u mmarkata bhala

Dok. B. Dan l-ammont jirraprezenta prezz ta' spraygun u apparat iehor mibjugh mir-rikorrenti lill-intimata fuq talba taghha stess;

Illi l-intimata giet interpellata kemm-il darba ghal hlas u dan bil-fattura annessa, reminders ghall-istess, kif ukoll bl-ittra gudizzjarja numru 2754/13 mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12, Ligijiet ta' Malta [kopja annessa bhala Dok A1]. Madanakollu, il-hlas dovut baqa ma sarx u ghadu dovut.

GHADAQSTANT, ir-rikorrenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex,

1. Jiddeciedi u jiddikjara lill-intimata bhala debitrici tar-rikorrenti fl-ammont imsemmi ta' elf, mitejn u tnejn u sebghin Euro u tlettax-il centezmi (€1,272.13), jew somma verjuri li tista tigi deciza;

2. Jordna lill-intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont imsemmi ta' elf, mitejn u tnejn u sebghin Euro u tlettax-il centezmi (€1,272.13) jew somma verjuri.

   Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji nkorsi mir-rikorrenti in konnessjoni ma' dan id-debitu, inkluz fir-rigward tal-ittra ufficjali surreferita, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv bl-oghla rati ai termini tal-Kap 13, Ligijiet ta' Malta".

**Ra r-risposta tas-socjeta intimata minnha pprezentata fit-8 ta' April, 2015** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"1. Preliminarjament, l-eccipjenti mhijiex il-legittima kontradittrici f'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Ir-relazzjoni guridika kienet bejn l-attrici u JDS Furniture Limited (C-15710).

2. F'kull kaz u b'mod preliminari wkoll, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 tal-Kodici Civili.

3. F'kull kaz u minghajr pregudizzju wkoll, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha peress li l-eccipjenti m'ghandha thallas xejn lir-rikorrenti.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri".

Ra r-rikors datat 8 ta' April, 2015 u li permezz tieghu s-socjeta intimata wara li spjegat li hemm talba ohra fl-ismijiet S&R Handaq Limited vs JDS Limited (Talba Numru 237/2015/VG2), talbet li "*ai termini tal-artikolu 792 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta din it-talba tigi mibghuta quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar diversament presjedut sabiex iz-zewg talbiet hawn fuq imsemmija jkunu jistghu jinstemaw mill-istess gudikant*" (fol. 82).

Ra d-digriet datat 10 ta' April, 2015 fejn it-Tribunal laqgha dik it-talba.

Ra l-verbal datat 6 ta' Novembru, 2015 fejn id-difensur tas-socjeta rikorrenti talbet li tigi msejha fil-kawza s-socjeta JDS Furniture Limited, liema talba intlaqghet mit-Tribunal.

Ra l-verbal datat 9 ta' Dicembru, 2015 fejn Dottor Alessandro Lia, filwaqt li ddikjara li huwa qieghed jirraprezenta lis-socjeta msejha fil-kawza ddikjara ukoll li r-risposta tas-socjeta intimata JDS Limited ghandha tghodd ukoll bhala r-risposta tas-socjeta kjamata fil-kawza JDS Furniture Limited.

Ra l-verbal datat 28 ta' Jannar, 2016 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li tinghata sentenza wahda fuq l-eccezzjonijiet kollha u li l-provi fil-kawza 237/2015 kellhom japplikaw u jghoddu bhala provi f'din il-kawza odjerna.

Ra l-verbal tal-11 ta' Lulju, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz tat-Talba odjerna, s-socjeta rikorrenti talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' €1,272.13c rapprezentanti prezz ta' *spraygun* u apparat iehor mibjugh mir-rikorrenti lill-intimata fuq talba taghha stess. Da parti taghha, s-socjeta intimata ecceppiet b'mod preliminari li hija ma hijiex il-legittima kontradittrici f'din il-kawza u talbet ghalhekk li hija tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Stqarret li r-relazzjoni guridika kienet bejn is-socjeta rikorrenti u JDS Furniture Limited (C-15710). B'mod preliminari qalet ukoll li l-azzjoni attrici hija perenta ai termini ta' l-artikolu 2148 tal-Kodici Civili. Fil-mertu qalet li t-talbiet tas-socjeta rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha peress li hi m'ghandha thallas xejn lir-rikorrenti. Fis-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2015 gie dikjarat li r-risposta tas-socjeta intimata ghandha tapplika ghas-socjeta kjamata fil-kawza.

   Ikkunsidra;

2. Fattwalment, mill-atti tat-talba u mill-provi mressqa mill-partijiet anke fil-kawza bin-numru 237/2015/VG2 fl-ismijiet S&R Handaq Limited

vs JDS Limited et deciza llum stess jirrizulta, b'referenza ghat-talba f'din il-kawza s-segwenti:

i. **Gregory Brincat**, *general manager* tas-socjeta rikorrenti qal li qabel l-2011 is-socjeta rikorrenti kienet tinnegozja mas-socjeta intimata. Ghal xi zmien, in-negozju bejn il-partijiet kien waqaf u regghu bdew jinnegozzjaw fl-2011. Skont ma jirrizulta mill-fattura numru 15571 (fol. 5) is-socjeta rikorrenti bieghet *spraygun* u apparat iehor lis-socjeta kjamata fil-kawza. Id-data tal-fattura hija s-27 ta' Dicembru, 2011. L-istess rapprezentant tas-socjeta rikorrenti, fil-kawza l-ohra bin-numru 237/2015/VG2 qal ukoll li huwa kien qieghed jigri wara r-rapprezentant tas-socjeta intimata sabiex ihallsu u li dan qatt ma cahad li kellu jaghtih dan l-ammont. Qal ukoll li John Sammut, ir-rapprezentant tas-socjeta intimata kien qallu li "*kien qed jistenna pagament minghand tas-Sea Bank u li dan ma kienx hallsu u li kif appena jircievi c-cekk huwa kien ser jghaddili l-pagament*" (fol. 20). Zied ighid li huwa kien baqa jkompli jsus ghal dan il-pagament sa zmien sena mill-ahhar fattura. Sussegwentement, meta huwa baqa ma rcieva l-ebda pagament, huwa kien reggha kellem lil Sammut u qallu li ma kien ghad fadallu l-ebda triq ohra ghajr li jfittxu. Meta qallu dan il-kliem, kompla jghid ix-xhud, Sammut wiegbu u qallu li kien ser ifittxu ghal lostru hazin. F'din il-kawza pero ma hemm l-ebda kwistjoni dwar il-lostru izda dwar l-*ispraygun* u apparat iehor li inxtraw minghand is-socjeta rikorrenti u ghalhekk it-Tribunal ma huwiex ser joqghod jidhol f'din il-kwistjoni anke l-ghaliex din giet deciza b'sentenza tat-Tribunal illum stess.

   In kontro-ezami, huwa qal li kien kellem lil John Sammut fil-bidu ta' din is-sena biex ihallas l-ammont dovut u li dan kien qallu biex ikellem lil ibnu dwaru. Wara din id-diskursata infethu dawn il-proceduri. Ix-xhud qal ukoll li "*sa Dicembru tal-elfejn u tnax (2012) jiena kont ghadni qed inkellem lil intimat li dejjem kien jghidli ... korrezzjoni ... mhux lill-intimat izda lil John Sammut li huwa r-rapprezentant tas-socjetajiet intimati li dejjem kien jghidli illi kien ser ihallasni meta thallas is-Sea Bank*" (fol. 21).

Fis-seduta mizmuma fit-28 ta’ Jannar, 2016, ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti qal li huwa kien biddel xi *nozzles* ta’ l-i*spraygun* u dan peress li dak li kellha s-socjeta intimata ma kienx qieghed jisprejja sew. Fil-fatt, wara li kienu tbiddlu dawn in-*nozzles*, l-i*spraygun* beda jahdem sew. Qal ukoll li huwa kien staqsa lir-rapprezentant tas-socjeta intimata jekk huwa riedux jiehu lura l-i*spray gun* u dan peress li ma kienx qieghed jintuza l-ghaliex kien biddel in-*nozzles*, izda r-rapprezentant tas-socjeta intimata kien qallu li “*huwa kien lest li jzommu dan il-gun il-ghaliex kien juza wiehed ghal basecoat u l-iehor finishing*” (fol. 94).

Ghar-rigward tal-fatt li huwa kien mar ghand is-socjeta intimata, x-xhud qal li “*mort il-ghaliex hu kien qalli li kellu problema bil-gun u hekk ghamilt hadtlu n-nozzles u l-gun*” (fol. 95).

ii. **John Sammut**, rapprezentant tas-socjeta intimata u dik kjamata fil-kawza fuq mistoqsija tat-Tribunal qal li huwa kien semma l-kwistjoni tas-Sea Bank u li din kienet ghadha ma hallsitux mar-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti. Zied ighid li “*pero x-xoghol illi hadna ahna ma kellu x’jaqsam xejn mas-Sea Bank*” (fol. 23). Qal li Gregory Brincat kien jitolbu ghall-hlas izda huwa kien jghidlu li huwa kien ihallsu hekk kif appena jsolvi l-problemi li kellu mal-klijenti minhabba l-lostru. Dan id-diskors kien sar fl-2012 pero zgur li ma kienx sena wara li kienet giet ikkonsenjata l-merkanzija mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta intimata. Qal li kienu jixtru ukoll xi *parts* tal-pompi taghhom u dan peress li s-socjeta rikorrenti kienet l-agent taghhom u ghalhekk ma setghu jixtruhom minn imkien izjed.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. L-ewwel eccezzjoni li ghandha tigi deciza hija dwar il-kwistjoni mqanqla mis-socjeta intimata u cioe li hija ma hijiex il-legittimu kontradittur f’din il-kawza u li ghalhekk hija kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. L-istess socjeta intimata qalet li

semmai kienet is-socjeta kjamata fil-kawza li kellha relazzjoni guridika ma dik rikorrenti.

4. It-Tribunal ra l-ittra ufficjali mressqa mis-socjeta rikorrenti kontra s-socjeta intimata fil-15 ta' Novembru, 2013 (fol. 3) bin-numru 2754/13 u l-fattura annessa ma l-istess ittra ufficjali li ssejjah lil JDS Furniture. Ra ukoll it-twegiba ghal din l-ittra ufficjali maghmula a tenur ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tinsab ukoll esebita a fol. 27 tal-process. Fiha, l-istess socjeta intimata kienet qalet li hija "*qeghdha topponi l-ezekuzzjoni ta' l-imsemmija ittra ufficjali billi mhuwiex minnu li l-ammont pretiz huwa cert, likwidu u dovut*". Ma tqanqlet l-ebda kwistjoni li s-socjeta intimata ma kellha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta rikorrenti jew li hija ma kienitx il-legittimu kontradittur. Din il-kwistjoni qamet biss fir-risposta li giet intavolata f'dawn il-proceduri odjerni. Madanakollu, b'differenza min dak li inghad fis-sentenza l-ohra moghtija llum stess mit-Tribunal fil-kawza numru 237/2015 f'dan il-kaz it-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta intimata ghandha ragun. Jidher bic-car, mill-fattura esebita mis-socjeta rikorrenti stess li din kienet intestata JDS Furniture u allura s-socjeta rikorrenti messha kienet taf li kienet dik li kellha twiegeb ghat-talbiet taghha u mhux is-socjeta JDS Ltd. Din ma tissemma imkien fil-fattura esebita a fol. 5 tal-process u dan kuntrarjament ghal dak li irrizulta mill-fatturi esebiti fil-kawza l-ohra hawn appena imsemmija fejn kien jitnizzel "JDS LTD JDS FURNITURE". Ghalhekk din l-eccezzjoni tas-socjeta intimata qeghda tintlaqa u it-Tribunal sejjer konsegwentement jiddikjara li s-socjeta intimata ma kellhiex titharrek f'dawn il-proceduri u ghalhekk sejjer jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

5. Imiss issa li tigi deciza l-kwistjoni mqanqla mis-socjeta kjamata fil-kawza u cioe li l-azzjoni odjerna hija perenta fil-konfront taghha a tenur ta' l-artikolu 2148 tal-Kodici Civili.

6. It-Tribunal jista jieqaf hawn peress li kif nafu, l-preskrizzjoni ghandha tigi indikata b'mod ezatti u dan l-artikolu tal-ligi jikkontjeni diversi paragrafi fih. Madanakollu, t-Tribunal huwa ben konxju mill-fatt li fil-proceduri l-ohra bin-numru 237/2015/VG2

kien gie vverbalizzat fis-seduta tat-28 ta' April, 2015 li l-paragrafu ta' dan l-artikolu kien il-paragrafu (b). Ghalhekk in vista ta' dak verbalizzat fit-28 ta' Jannar, 2016 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu l-provi fil-kawza 237/2015 kellhom japplikaw u jghoddu bhala provi f'din il-kawza odjerna, t-Tribunal sejjer jghaddi biex jiddeciedi din l-eccezzjoni.

7. Gja rajna li s-socjeta intimata JDS Limited giet liberata mill-osservanza ta' dawn il-proceduri. L-ittra ufficjali giet ipprezentata kontra l-imsemmija socjeta fil-15 ta' Novembru, 2013 izda qatt ma giet intavolata kontra s-socjeta kjamata fil-kawza. Rajna ukoll li l-fattura esebita ma' l-imsemmija ittra ufficjali kienet indirizzata lil JDS Furniture u mhux lil JDS Ltd. Kien ghalhekk li t-Tribunal illibera lil din l-ahhar socjeta mill-osservanza ta' dan il-gudizzju. Is-socjeta kjamata fil-kawza giet notifikata b'dawn il-proceduri fil-21 ta' Novembru, 2015 (tergo ta' fol. 21). Fis-27 ta' Dicembru, 2011 is-socjeta rikorrenti harget fattura lis-socjeta intimata ghax-xiri ta' l-i*spraygun* u apparat iehor (fol. 5). B'kollox ghaddew kwazi erba' snin. Imiss issa li t-Tribunal jara jekk l-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 li jitkellem dwar l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni wara d-dekors ta' tmintax (18)-il xahar huwiex applikabbli ghal kaz odjern u jekk fl-affermattiv jara jekk kienx hemm xi att ta' interruzzjoni jew inkella jekk skada kienx hemm rikonoxximent mill-gdid tad-debitu.

8. L-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili jipprovdi hekk:

   *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*

   *(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;*

9. L-ewwel u qabel kollox, it-Tribunal ghandu jiddeciedi jekk l-artikolu citat mis-socjeta kjamata fil-kawza huwiex applikabbli ghal kaz odjern. L-artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 jwaqqa l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra simili, mibjugha bl-imnut. Fil-gurisprudenza taghna

nsibu li l-kriterju direttiv biex wiehed jiddistingwi l-grossista mid-dettaljatur hu dak li, filwaqt li l-ewwel wiehed aktarx ibiegh lil min jikkumercja fil-haga, it-tieni wiehed ibiegh aktarx lill-konsumatur u fi kwantitajiet zghar mizurati mill-bzonn tal-istess konsumatur – dak li jfisser illi l-kummerc bl-imnut jikkonsisti fir-rivendita f'partiti zghar ta' merci jew derrati li tal-hanut ("bottegaio") jew minutant jixtri minn ghand negozjant[1].

10. Il-ligi taghna, kif diga rajna, tuza l-kliem 'ta' kredituri' u mhux il-kliem 'ta' kummercjanti'; u ma tuzax il-kelma 'merci' biss, kif f'xi ligi barranija, per ezempju t-taljana, imma zzid ukoll il-kliem 'oggetti jew hwejjeg ohra mobbli'; u ma tuzax il-kliem 'mibjugha lil persuni li ma jezercitawx il-kummerc'; imma tuza l-kelma 'bl-imnut', li mhix uzata fil-ligi taljana; u allura, skond il-ligi taghna, wiehed ghandu jara biss jekk l-operazzjoni kienetx ghall-ingrossa jew bl-imnut, billi l-ligi taghna tikkunsidra biss il-vendita tal-hwejjeg fuq indikati fiha nnfisha u l-kwantitattiv fornit biss[2].

11. Peress li l-ligi taghna tuza l-kelma 'bl-imnut', jidher car li tikkontempla lil dawk kollha, kummercjanti jew le li jbieghu oggetti ta' konsum gjornalier, tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux. L-espressjoni 'bl-imnut' talludi bilfors ghal hwejjeg zghar; u dan, li l-haga tkun ta' entita zghira, kien il-motiv li gieghel lil-legislatur jistabbilixxi preskrizzjoni qasira, billi mhix haga solita, u lanqas li wiehed ghandu jistenna, li min ibiegh jaghti kreditu ghal zmien twil f'vendita ta' hwejjeg zghar[3].

12. Issa f'dan il-kaz, il-bejgh, fil-fehma tat-Tribunal ma jistax jigi kunsidrat bhala wiehed ta' haga zghira ta' konsum gjornalier u ghaldaqstant ma jistax jigi kkunsidrat bhala bejgh bl-imnut. Il-bejgh f'dan il-kaz kien ta' *spraygun* u apparat iehor mis-socjeta rikorrenti lis-socjeta kjamata fil-kawza u ghalhekk kif diga nghad, ma jistax jitqies bhala xi haga zghira ta' konsum ta' kuljum. Ghalhekk din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni a tenur ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta mqanqla

[1] **Grazio Debattista vs Nichele Galea** deciza mill-Qorti tal-Kummerc nhar it-23 ta' Mejju, 1961 per Onor. Imhallef T. Gouder;
[2] Ibid.
[3] Ibid.

mis-socjeta kjamata fil-kawza qeghda tigi michuda ghax ma hijiex applikabbli ghal kaz odjern.

13. Nghaddu issa ghal mertu. Mill-atti tal-kawza ma jidhirx li s-socjeta intimata ikkontestat l-ammont reklamat f'dawn il-proceduri. Wara kollox, jekk kien hemm problema dwar in-*nozzle* ta' l-i*spraygun* din tbiddlet mis-socjeta rikorrenti u s-socjeta kjamata fil-kawza ma qanqlet l-ebda kwistjoni ulterjuri dwaru. Ghalhekk, jirrizulta li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mis-socjeta kjamat fil-kawza.

14. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi:

i. Jilqa l-eccezzjoni tas-socjeta intimata u cioe li hija ma hijiex il-legittimu kontradittur u konsegwentement jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju;
ii. Jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mis-socjeta kjamata fil-kawza a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
iii. Jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet inkwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz.
iv. Jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement
v. Jikkundanna lis-socjeta kjamata fil-kawza sabiex thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf mitejn tnejn u sebghin euro u tlettax-il centezmu ta' euro [€1,272.13c] bl-imghaxijiet skont ma hemm mahsub fl-artikolu 26A tal-Kap. 13 mis-27 ta' Dicembru, 2011 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha ghar-rigward tas-socjeta intimata jithallsu mis-socjeta rikorrenti filwaqt li l-kumplament ta' l-ispejjez kollha jithallsu mis-socjeta kjamata fil-kawza.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**